

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 1.12.2008
KUMM(2008) 804 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

“Lejn soċjetà tal-informazzjoni aċċessibbli”

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

“Lejn soċjetà tal-informazzjoni aċċessibbli”

[SEC(2008) 2915]

[SEC(2008) 2916]

1. SOMMARJU EŻEKUTTIV

Hekk kif is-soċjetà tagħna qed tiżviluppa f"soċjetà tal-informazzjoni", qed insiru niddependu dejjem iktar, u b'mod intrinsiku, fuq prodotti u servizzi msejsa fuq it-teknoloġija fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Iżda aċċessibilità elettronika ("aċċessibilità-e") dgħajfa tfisser li ħafna Ewropej li għandhom xi diżabilità għad ma għandhomx il-possibilità ta' aċċess għall-benefiċċji tas-soċjetà tal-informazzjoni.

Il-kwistjoni tal-aċċessibilità-e ngħatat ħafna prominenza u rċeviet ħafna attenzjoni min-naħa tal-politika f'dawn l-aħħar snin. Fl-2006, il-Ministri Ewropej, fid-"Dikjarazzjoni ta' Riga" tagħhom, qablu dwar miri sabiex isir progress sinifikanti sal-2010. Fl-2007, it-tqabbil mal-punt ta' referenza wera li l-pass li bih kien qed isir il-progress kien għadu mhux biżżejjed, u li kien hemm bżonn ta' iktar sforzi sabiex jintlaħqu l-miri ta' Riga. Minħabba l-importanza dejjem akbar tal-internet fil-ħajja ta' kuljum, l-aċċessibilità għall-internet, u b'mod speċjali l-aċċessibilità għas-siti tal-internet tal-amministrazzjoni pubblika, saret prijorità ewlenija.

Il-Kummissjoni tqis li issa huwa urġenti li jinkiseb **approċċ għall-aċċessibilità-e, b'mod partikulari għall-aċċessibilità għall-internet, li jkun iktar koerenti, komuni u effettiv**, sabiex titgħaġġel il-miġja ta' soċjetà tal-informatika aċċessibbli, kif tħabbar fl-Aġenda soċjali mġedda¹. F'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tiddekrivi l-qagħda attwali, u tistabbilixxi r-raġuni għall-azzjonijiet Ewropej kif ukoll il-passi ewlenin li għandhom jittieħdu.

Sabiex jinkiseb **approċċ komuni u koerenti għall-aċċessibilità-e**:

- L-organizzazzjonijiet Ewropej għall-istandardizzazzjoni (l-ESOs) għandhom **ifittxu li jwettqu attivitajiet għall-istandardizzazzjoni usa' tal-aċċessibilità għall-internet** sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq u tiġi ffaċilitata iktar adozzjoni tal-prodotti u tas-servizzi meġġuna mill-ICTs.
- L-Istati Membri, il-partijiet interessati u l-Kummissjoni għandhom **iqanqlu livelli ikbar ta' innovazzjoni u użu** tal-aċċessibilità-e, b'mod partikulari billi jużaw il-programmi tal-UE għar-riċerka u għall-innovazzjoni u l-Fondi Strutturali.
- Il-partijiet interessati kollha għandhom **jużaw bis-sħiħ** l-opportunitajiet li hemm fil-**leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE** biex tiġi indirizzata l-aċċessibilità-e. Il-Kummissjoni se tinkludi rekwiżiti xierqa tal-aċċessibilità-e fir-reviżjonijiet jew fl-iżviluppi leġiżlattivi l-ġodda.
- Il-Kummissjoni se **ssaħħaħ l-attivitajiet ta' kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati** sabiex ittejjeb il-koerenza, il-koordinazzjoni u l-impatt tal-azzjonijiet. B'mod partikulari, se jinħatar grupp ġdid ta' livell għoli *ad hoc* sabiex jipprovi gwida dwar l-approċċ koerenti ġenerali għall-aċċessibilità-e (inkluża l-aċċessibilità għall-internet) u biex jipproponi azzjonijiet sabiex jingħeleb ix-xkiel għall-aċċessibilità-e.

¹ COM(2008) 412.

Sabiex jitgħagħgel il-progress fil-każ partikulari tal-**aċċessibbiltà għall-internet**:

- L-ESOs għandhom **jadottaw malajr standards Ewropej** għall-aċċessibbiltà għall-internet, wara li l-Konsorzju għall-internet dinji (il-“World Wide Web Consortium”) jkun stabbilixxa l-linji ta' gwida aġġornati dwar l-internet (id-WCAG 2.0).
- L-Istati Membri għandhom **ikattru ħidmithom** sabiex is-siti pubbliċi tal-internet isiru **aċċessibbli u flimkien għandhom iħejju l-adozzjoni ta' malajr** tal-istandards Ewropej dwar l-aċċessibbiltà għall-internet.
- Il-Kummissjoni se **timmonitorja l-progress u tippubblikah**, u b'segwitu għal dan, tista' tiegħu azzjoni leġiżlattiva fi stadju iktar tard.

2. L-AĊĊESSIBILITÀ-E

L-aċċessibbiltà-e tfisser li wieħed jegħleb ix-xkiel u d-diffikultajiet tekniċi li jiltaqgħu magħhom in-nies b'diżabilità, inkluż ħafna xjuħ, meta jippruvaw jieħdu sehem fis-soċjetà tal-informazzjoni b'mod indaqs.

Jekk kulħadd għandu jkollu opportunitajiet indaqs biex jieħu sehem fis-soċjetà ta' lllum, għandha tkun aċċessibbli l-firxa sħiħa ta' oġġetti, prodotti u servizzi tal-ICT. Din tinkludi l-kompjuters, is-settijiet tat-telefown, it-televiżjonijiet, is-siti tal-gvern fuq l-internet (il-gvern-e), ix-xiri fuq l-internet, iċ-ċentri tat-telefonati, it-terminali fejn wieħed jinqeda waħdu, bħall-magni awtomatiċi għall-ġbid tal-flus (l-ATMs) jew għall-ħruġ tal-biljetti.

2.1. Il-qagħda attwali

L-isfida tal-aċċessibbiltà hija waħda ta' skala kbira u li qiegħda dejjem tikber: madwar 15 % mill-popolazzjoni Ewropea għandha diżabilità u sa wieħed minn kull ħames Ewropej li għandu eż li fiha jista' jaħdem għandu nuqqasijiet li jeħtieġu soluzzjonijiet għall-aċċessibbiltà. B'mod ġenerali, tlieta minn kull ħames persuni għandhom jibbenefikaw mill-aċċessibbiltà-e, minħabba li din ittejjeb l-użu b'mod ġenerali².

L-aċċessibbiltà-e għandha implikazzjonijiet soċjoekonomiċi kemm għall-individwi kif ukoll għall-Ewropa b'mod ġenerali. Per eżempju, soluzzjonijiet aċċessibbli megħjuna mill-ICTs jistgħu jgħinu lill-ħaddiema li huma mdaħħlin iktar fl-eżerċizzju biex jibqgħu jaħdmu, u jistgħu jtejjbu l-adozzjoni tas-servizzi pubbliċi fuq l-internet bħall-Gvern-e u s-Saħħa-e. In-nuqqas ta' aċċessibbiltà-e teskludi taqsimiet sinifikanti tal-popolazzjoni u ma tħallihomx iwettqu bis-sħiħ l-attivitajiet professjonali, edukattivi, ta' passatemp, ta' sehem demokratiku u soċjali tagħhom. It-tisħiħ tal-aċċessibbiltà-e se jagħti kontribut kemm għall-għanijiet ta' inklużjoni soċjali kif ukoll għal dawk ekonomiċi.

Ħafna pajjiżi adottaw tal-anqas xi miżuri leġiżlattivi jew ta' appoġġ sabiex ihegħgu l-aċċessibbiltà-e, u ċerti setturi tal-industrija tal-ICT qed jagħmlu sforzi sinifikanti sabiex itejbu l-aċċessibbiltà tal-prodotti u tas-servizzi tagħhom³.

² Skont id-dokument "Il-bidla demografika – l-impatti tat-teknoloġiji l-ġodda u tas-soċjetà tal-informazzjoni."

³ Ara d-dettalji fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja 'l din il-Komunikazzjoni.

L-aċċessibbiltà-e hija wkoll element ewlieni tal-politika Ewropea għall-Inklużjoni-e⁴. F'kuntest usa', l-ICTs jaqgħu fi ħdan l-ambitu tad-Direttiva proposta dwar it-trattament ugwali li tirreferi għall-aċċess u għall-provvista tal-prodotti u s-servizzi disponibbli għall-pubbliku⁵. Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri wkoll għandhom jissodisfaw l-obbligi taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċessibbiltà tal-prodotti u tas-servizzi tal-ICT. Xi partijiet mil-leġiżlazzjoni tal-UE diġà jindirizzaw kwistjonijiet dwar l-aċċessibbiltà-e b'mod dirett jew indirett.

2.2. Ir-raġuni għal aktar azzjoni

Minkejja l-benefiċċji u l-attenzjoni politika, il-progress fl-aċċessibbiltà-e għadu mhux sodisfaċenti. Hemm ħafna eżempji li jolqtu ta' nuqqasijiet fl-aċċessibbiltà. Per eżempju, is-servizzi tat-trażmissjoni testwali għall-persuni neqsin mis-smiġ u għall-persuni li għandhom diffikultajiet fid-diskors huma disponibbli biss f'nofs l-Istati Membri; is-servizzi ta' emerġenza huma aċċessibbli bit-telefown għat-trażmissjoni tat-testi biss f'seba' Stati Membri; ix-xandir bid-deskrizzjonijiet awdjo, il-programmi tat-televiżjoni bis-sottotitli u l-programmi tat-televiżjoni bl-użu tal-lingwa tas-sinjali għadu fqir ħafna; u 8 % biss mill-ATMs stallati miż-żewġ banek kummerċjali ewlenin Ewropej jipprovdu s-servizz "bil-fomm"⁶.

L-*acquis* eżistenti tal-UE li għandu x'jaqsam mal-aċċessibbiltà-e huwa limitat. Fil-livell tal-Istati Membri, hemm frammentazzjoni konsiderevoli fit-trattament tal-aċċessibbiltà-e, kemm fil-kwistjonijiet indirizzati (is-soltu s-servizzi tat-telefown fiss, is-servizzi tax-xandir bit-televiżjoni u l-aċċessibbiltà għas-siti pubbliċi tal-internet) kif ukoll fil-kompletezza tal-istrumenti tal-politika wżati. L-industrija tal-ICT, li qed tiffaċċa rekwiżiti diverġenti u nuqqas ta' ċertezzi, qed issofri minn din il-frammentazzjoni tas-suq, li qed tagħmilha diffiċli li jinkisbu l-ekonomiji ta' skala meħtieġa biex jiġu sostnuti l-innovazzjoni u t-tkabbir fis-suq fuq firxa wiesgħa. Ċerti setturi tal-industrija qed jaħdmu b'mod attiv u jikkooperaw mal-utenti (per eżempju dwar it-televiżjoni diġitali aċċessibbli) iżda hemm wisq partijiet li qed isegwu mingħajr ma jaġixxu.

Il-kwistjoni ewlenija tal-aċċessibbiltà-e hi li l-impatt tal-isforzi attwali mhux biżżejjed minħabba nuqqas ta' koerenza, nuqqas ta' ċarezza fl-iffissar tal-prijoritajiet, u appoġġ leġiżlattiv u finanzjarju dgħajfef.

Għaldaqstant, **approċċ komuni u koerenti Ewropew** għall-aċċessibbiltà-e huwa importanti sabiex jinkiseb titjib sinifikanti.

2.3. L-azzjonijiet proposti

(1) Inwasslu l-bidla - it-tisħiħ tal-prijoritajiet tal-politika, tal-koordinazzjoni u tal-kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati

Fil-livell Ewropew, ġew implimentati diversi attivitajiet f'dawn l-aħħar snin. Issa huwa ż-żmien li jiżdiedu s-sinerġiji bejn dawn u jissaħħu l-oqsma individwali tal-azzjoni sabiex ikun hemm aktar impatt u sabiex dan ikun aktar konsistenti.

⁴ Il-Komunikazzjoni dwar l-i2010 (COM(2005) 229), il-Komunikazzjoni dwar l-aċċessibbiltà-e (COM(2005) 425), u l-Komunikazzjoni dwar l-Inklużjoni-e COM(2007) 694.

⁵ COM(2008) 426.

⁶ Għad-dettalji ara l-istudju tal-MeAC ("Measuring progress of e-accessibility in Europe" [Inkejlju l-progress tal-aċċessibbiltà-e fl-Ewropa]).

Jeħtieġ li l-Istati Membri, l-utenti u l-industrija jżidu l-isforzi tagħhom u jfittxu li jagħmlu iktar impatt permezz ta' aktar kooperazzjoni fil-livell Ewropew u sfruttament aħjar tal-istrumenti tal-politika eżistenti tal-UE. Sabiex jiġu appoġġati u jissaħħu l-koerenza u l-effettività ta' approċċ komuni u sabiex ikun hemm għajjnuna fit-tfassil tal-prijoritajiet, il-Kummissjoni se twaqqaf **grupp ta' livell għoli ad hoc dwar l-aċċessibilità-e**, li jirrapporta lill-grupp ta' livell għoli dwar l-i2010. Dan se jkun jinvolvi l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u r-rappreżentanti tal-utenti b'diżabilità u tal-utenti li huma mdaħħlin fl-età, lill-industriji tal-ICT u tat-teknoloġija u tas-servizzi ta' għajjnuna, lill-akkademiċi u lill-awtoritajiet rilevanti.

Kmieni fl-2009, il-Kummissjoni se twaqqaf **grupp ta' livell għoli ad hoc** sabiex jipprovdi gwida dwar il-prijoritajiet u dwar approċċ iktar koerenti għall-aċċessibilità-e. Il-partijiet interessati huma mitluba jimpenjaw irwieħhom f'din il-kooperazzjoni.

Il-Kummissjoni se **ssaħħaħ l-appoġġ eżistenti tagħha tal-kooperazzjoni** mal-partijiet interessati u bejniethom. B'mod partikulari, il-gruppi li jkunu qed isegwu l-implimentazzjoni tal-i2010, il-kwistjonijiet dwar l-istandardizzazzjoni, il-kwistjonijiet dwar it-telekomunikazzjoni u l-pjan ta' azzjoni dwar id-diżabilità għandhom jużaw il-gwida tal-grupp ta' livell għoli sabiex jistabilixxu l-prijoritajiet tagħhom. Huwa importanti wkoll li l-utenti, l-awtoritajiet rilevanti u l-industrija jsaħħu l-impenn u l-kooperazzjoni tagħhom dwar il-kwistjonijiet tal-aċċessibilità-e.

Jeħtieġ li jintgħażlu l-prijoritajiet għall-aċċessibilità-e. L-ewwel waħda hija l-aċċessibilità għall-internet, fejn jista' jiġi applikat l-approċċ koerenti u komuni propost. It-tieni prijorità hija l-aċċessibilità tat-televiżjoni diġitali u tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, inkluż l-aċċessibilità għan-numru ta' emerġenza uniku Ewropew. Għal dawn il-prijoritajiet, għandha tiżdied il-kooperazzjoni tal-utenti u tal-industrija u, bl-għajjnuna tal-grupp ta' livell għoli, din għandha tintrabat b'mod aħjar mal-appoġġ għall-innovazzjoni u mal-appoġġ leġiżlattiv fuq il-livell tal-UE.

Prijorità għolja oħra hija t-terminali fejn wieħed jinqeda waħdu u l-użu tas-servizzi bankarji permezz tal-internet⁷. Il-kooperazzjoni eqreb tal-partijiet interessati se tgħin sabiex tinkiseb gwida dwar aktar prijoritajiet u sabiex jitfassal programm komuni ta' ħidma għall-ġejjieni.

Il-Kummissjoni diġà indirizzat l-aċċessibilità-e fil-proposta tagħha għal verżjoni ġdida tal-Qafas Ewropew għall-interoperabbiltà tal-gvern-e⁸ u se tagħmel dan ukoll fis-segwitu tagħha tal-inizjattiva tal-i2010 u tal-pjan ta' azzjoni dwar id-diżabilità.

Il-Kummissjoni se tiżgura li l-aċċessibilità-e tibqa' **prijorità tal-politika** fis-segwitu tal-inizjattiva tal-i2010 u tal-pjan ta' azzjoni dwar id-diżabilità.

Din il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni eqreb se jkomplu jissaħħu permezz ta' sfruttament aħjar tal-attivitajiet imsemmijin hawn taħt.

(2) Il-monitoraġġ tal-progress u t-tisħiħ tal-prattika tajba

⁷ Ara r-rapport dwar il-konsultazzjoni pubblika.

⁸ <http://ec.europa.eu/idabc/en/document/7728>

Fl-2009, bħala segwitu għal żewġ studji li twettqu mill-2006 sal-2008⁹, il-Kummissjoni se tnedi studju sabiex tkompli l-monitoraġġ tal-progress u l-implimentazzjoni ġenerali tal-aċċessibbiltà-e u tal-aċċessibbiltà għall-internet.

Taħt il-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (is-CIP) tal-2009, il-Kummissjoni se tipproponi netwerk tematiku ġdid dwar l-aċċessibbiltà-e u dwar l-aċċessibbiltà għall-internet sabiex tkompli ttejjeb il-kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati u l-bini tal-esperjenza u l-ġbir ta' prattiki tajbin. Hi se tfittex li ssaħħaħ ukoll in-netwerk ta' skambju dwar il-prattika tajba *ePractice* (il-Prattika-e) dwar il-gvern-e, is-saħħa-e u l-inklużjoni-e, li diġà ġabar ammont kbir ta' għarfien espert dwar l-aċċessibbiltà-e.

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-progress u l-implimentazzjoni tal-aċċessibbiltà għall-internet u tal-aċċessibbiltà-e, u se tappoġġa l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajbin permezz ta' **studji** u permezz ta' **network tematiku tas-CIP** li għandu jitnieda fl-2009.

(3) L-appoġġ għall-innovazzjoni u l-użu

Diġà hemm appoġġ estensiv għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tal-aċċessibbiltà-e. Fl-2008, ġew iffinanzjati 13-il proġett ġdid b'madwar EUR 43 miljun mill-programm tar-riċerka tal-UE. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa b'mod attiv l-aċċessibbiltà-e u l-ICT għall-għajxien indipendenti tal-persuni mdaħħlin fl-età permezz tal-programmi tar-riċerka tal-UE b'sejħa għall-proposti oħra fl-2009.

Il-Kummissjoni se **tiżgura li l-aċċessibbiltà-e tkun prijorità qawwija tar-riċerka u l-innovazzjoni** matul l-2009 u 'l quddiem.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni se jużaw il-programm konġunt għar-riċerka msejjaħ “Għajxien Megħjun Kuntestwalment” (“Ambient Assisted Living”) (AAL), li tnedi fl-2008, sabiex iħeġġu soluzzjonijiet innovattivi, ibbażati fuq l-ICT, għall-għajxien indipendenti u għall-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kundizzjonijiet kroniċi tal-persuni mdaħħlin fl-età.

Taħt is-CIP tal-2008, il-Kummissjoni ffinanzjat proġett pilota dwar it-televiżjoni aċċessibbli u proġetti pilota dwar l-ICT għall-persuni mdaħħlin fl-età sabiex jitħaffef l-użu tat-teknoloġija. Fl-2009, il-Kummissjoni se tiffinanzja proġett pilota dwar it-“taħdit totali” (l-għaqda tal-komunikazzjonijiet tal-awdjo, dawk testwali, u dawk tal-vidjow sabiex jappoġġaw lill-persuni b'diżabilità), li se jgħin lill-persuni li għandhom diffikultajiet fis-smiġh u fid-diskors biex ikollhom aċċess għan-numru ta' emerġenza Ewropew “112”.

L-Istati Membri u l-partijiet interessati huma mħeġġa **jqanqlu l-innovazzjoni u l-użu tal-aċċessibbiltà-e** permezz tal-Fondi Strutturali, tal-FP7, tal-programm tal-AAL u tal-programmi nazzjonali.

Ir-Regolament dwar il-Fondi Strutturali¹⁰ jeħtieġ lill-Istati Membri jqisu l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità bħala wieħed mill-kriterji sabiex jingħataw il-fondi. F'dan il-kuntest, fl-2009, il-Kummissjoni se tipprovdi “sett ta' għodda għad-diżabilità” li jkun applikabbli għall-

⁹ L-istudju tal-MeAC u l-istudju dwar l-aċċessibbiltà tal-prodotti u tas-servizzi tal-ICT għall-persuni b'diżabilità u għal dawk imdaħħlin fl-età.

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006.

ICTs, u se thegħeġ lill-Istati Membri u lir-Reġjuni jiżguraw li l-aċċessibilità għall-ICT tkun inkorporata fil-kriterji tax-xiri u tal-finanzjament tagħhom.

Fl-2009, il-Kummissjoni se tipprovi **sett ta' għodda għad-diżabilità** li jkun applikabbli għall-ICTs, biex jintuża fil-Fondi Strutturali u fi programmi oħrajn.

(4) **L-iffaċilitar tal-attivitajiet ta' standardizzazzjoni**

Il-Kummissjoni qed tkompli bl-appoġġ qawwi tagħha tal-aċċessibilità-e fil-programm ta' ħidma tagħha għall-istandardizzazzjoni. B'mod partikulari, il-Mandat nru 376 maħruġ lill-organizzazzjonijiet Ewropej għall-istandardizzazzjoni huwa attività importanti tal-istandardizzazzjoni sabiex titrawwem l-aċċessibilità-e¹¹. Il-Kummissjoni se tippromwovi l-użu tar-riżultati minn din il-ħidma ta' standardizzazzjoni u se tfittex li l-Mandat nru 376 jitkompla malajr sabiex jiġu stabbiliti l-istandards infushom u l-iskemi tal-valutazzjoni tal-konformità relatati magħhom. Dan il-proċess se jkun ikkumplimentat u appoġġat mid-djalogu bejn il-partijiet interessati, mill-iskambju tal-prattiki tajbin u mill-proġetti pilota dwar l-użu, kif imsemmi fl-azzjonijiet proposti f'din il-Komunikazzjoni.

Taħt il-Mandat nru 376, matul l-2009 u 'l quddiem, l-ESOs għandhom **jiżviluppaw malajr standards tal-UE** dwar l-aċċessibilità-e, f'kooperazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti.

(5) **L-isfruttament tal-leġiżlazzjoni attwali u l-ħsieb dwar leġiżlazzjoni ġdida**

Hemm korrelazzjoni ċara fuq il-livell nazzjonali bejn l-eżistenza tal-leġiżlazzjoni u l-livell reali tal-progress fl-aċċessibilità-e¹². Ir-riċerka turi r-riskji tal-frammentazzjoni legali fl-UE minħabba miżuri leġiżlattivi li jvarjaw. Abbażi ta' dan, u filwaqt li tibni fuq il-Komunikazzjonijiet tal-2005 u tal-2007, il-Kummissjoni bdiet tħares lejn approċċ leġiżlattiv iktar ġenerali għall-aċċessibilità-e.

Madanakollu, minħabba n-natura vasta, kumplessa u li tevolvi tal-qasam tal-aċċessibilità-e, għad m'hemmx qbil ċar dwar leġiżlazzjoni possibbli tal-UE ddedikata għall-aċċessibilità-e¹³, per eż. dwar elementi bħall-ambitu, l-istandards, il-mekkaniżmi tal-konformità u r-rabtiet mal-leġiżlazzjoni eżistenti. Barra minn hekk, għalkemm hemm qbil ċar dwar il-bżonn ta' ħidma flimkien sabiex titjieb l-aċċessibilità-e, hemm opinjonijiet differenti dwar il-prijoritajiet li jmiss li għandhom jiġu indirizzati. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li għadu mhux il-waqt għal proposta leġiżlattiva speċifika dwar l-aċċessibilità-e, iżda hija se tkompli tivvaluta kemm din tista' ssir u kemm hi rilevanti, filwaqt li tqis il-progress reali fil-qasam.

Madanakollu, hemm dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni attwali tal-UE li għadhom mhumiex sfruttati biżżejjed, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mat-tagħmir tat-telekomunikazzjoni bir-radju, mal-komunikazzjonijiet elettroniċi, max-xiri pubbliku, mad-

¹¹ L-għan tal-Mandat nru 376 huwa li jgħin biex ix-xiri pubbliku u l-prattika tajba f'dak li għandu x'jaqsam mal-ICTs jintużaw b'mod li jitneħħa x-xkiel għall-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità u dawk imdaħħlin fl-età fis-soċjetà tal-informazzjoni. Il-Mandat ingħata mill-Kummissjoni Ewropea lill-ESOs sabiex dawn isibu soluzzjoni għal rekwiżiti komuni (per eżempju f'dak li għandu x'jaqsam mad-daqs tat-test, mal-kuntrast tal-iskrijn, mad-daqs tat-tastiera, eċċ) u għall-valutazzjoni tal-konformità.

¹² Ara l-istudju tal-MeAC u l-istudju dwar l-aċċessibilità tal-prodotti u tas-servizzi tal-ICT għall-persuni b'diżabilità u għal dawk imdaħħlin fl-età.

¹³ Fil-konsultazzjoni pubblika, 90 % tal-organizzazzjonijiet tal-utenti qiesu l-leġiżlazzjoni li torbot bħala ħaġa ta' prijorità għolja, meta mqabbla mat-33 % tal-industrija u tal-awtoritajiet pubbliċi.

drittijiet tal-awtur fis-soċjetà tal-informazzjoni, mal-ugwaljanza fl-impjiegi, mat-taxxa fuq il-valur miżjud, u mal-eżenzjonijiet fil-qasam tal-ghajjnuna mill-Istat¹⁴. Jekk isir użu sħiħ minn dawk id-dispożizzjonijiet, l-aċċessibbiltà-e diġà tittejjeb b'mod sinifikanti fl-Istati Membri. Għaldaqstant, il-Kummissjoni thegġegħ lill-Istati Membri jagħmlu l-aħjar użu minnhom qabel ma titqies leġiżlazzjoni għida.

Diversi partijiet mil-leġiżlazzjoni tal-UE msemija hawn fuq qegħdin jiġu riveduti jew se jiġu riveduti dalwaqt¹⁵. Il-Kummissjoni se taħdem biex tiżgura li, fejn huwa xieraq, jitqiesu u jissaħħu r-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà-e f'dawn ir-reviżjonijiet. Barra minn hekk, il-proposti leġiżlattivi dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi jsaħħu d-dispożizzjonijiet tal-qafas attwali dwar l-utenti b'diżabilità. Il-Kummissjoni se timmonitorja b'attenzjoni wkoll it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-servizzi tal-midja awdjovizivi¹⁶, u b'mod partikulari tal-Artikolu 3c tagħha, li jipprovi li l-Istati Membri għandhom jinkuraġġixxu lill-fornituri tas-servizzi tal-midja li jaqgħu fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom sabiex jiżguraw li dawk is-servizzi jsiru aċċessibbli b'mod gradwali għan-nies b'diżabilità fil-vista jew fis-smigħ.

Il-Kummissjoni se tiżgura li, **fir-reviżjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE, ikunu integrati dispożizzjonijiet xierqa dwar l-aċċessibbiltà-e**. L-Istati Membri, il-partijiet interessati u l-Kummissjoni għandhom **jużaw bis-sħiħ l-oportunitajiet li hemm fil-leġiżlazzjoni attwali** sabiex isaħħu l-aċċessibbiltà-e.

3. L-AĊĊESSIBILTÀ GĦALL-INTERNET

L-aċċessibbiltà għall-internet hija aspett importanti tal-aċċessibbiltà-e li toffri l-possibbiltà lill-persuni b'diżabilità li jintebħu, jifhmu, jinnavigaw, jinteraġixxu mal-internet u jagħtu kontribut lejha. Din hi ta' benefiċċju wkoll għal nies oħra li jkunu qed jiffaċċaw limitazzjonijiet viżwali, ta' destrezza jew konjittivi, bħan-nies imdaħħlin fl-età. L-aċċessibbiltà għall-internet saret importanti b'mod partikulari minħabba t-tkabbir enormi fis-servizzi tal-informazzjoni u dawk interattivi ta' fuq l-internet: dawk bankarji, il-bejgħ, is-servizzi tal-gvern u pubbliċi, u l-komunikazzjoni ma' qraba jew ħbieb li jinsabu 'l bogħod.

3.1. Il-qagħda attwali

Minkejja l-importanza tagħha, il-livell ġenerali tal-aċċessibbiltà għall-internet għadu wieħed fqir madwar l-UE kollha. Għadd ta' sondaġġi nazzjonali u Ewropej imwettqin matul dawn l-aħħar snin urew li l-maġġoranza tas-siti tal-internet, kemm pubbliċi kif ukoll privati, mhumiex konformi saħansitra mal-linja ta' gwida l-aktar bażiċi dwar l-aċċessibbiltà aċċettati b'mod internazzjonali. Stħarriġ li sar dan l-aħħar wera li 5.3 % biss tas-siti tal-internet tal-gvernijiet u kważi l-ebda mis-siti kummerċjali tal-internet mistħarrġa ma kienu konformi b'mod sħiħ mal-linji ta' gwida bażiċi dwar l-aċċessibbiltà¹⁷. Dan jikkonferma għaliex ħafna nies isibuha bi tqila jużaw siti importanti tal-internet, u għaldaqstant jinsabu fil-periklu li jispiċċaw esklużi totalment jew parzjalment mis-soċjetà tal-informazzjoni.

¹⁴ Id-Direttivi 2000/78/KE, 2002/21/KE, 1999/5/KE, 2004/18/KE, 2001/29/KE, 2007/65/KE.

¹⁵ Per eżempju, id-Direttiva 1999/5/KE dwar it-tagħmir terminali qed tiġi riveduta: f'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tiżgura li tinżamm il-possibbiltà li jiġi attivat l-Artikolu 3(3)(f) rilevanti.

¹⁶ Id-Direttiva 2007/65/KE.

¹⁷ L-istudju tal-MeAC.

Fl-Istati Membri, f'dawn l-aħħar snin, l-aċċessibbiltà tas-siti pubbliċi tal-internet irċeviet ħafna attenzjoni min-naħa tal-politika¹⁸. Fil-livell Ewropew, Komunikazzjoni dwar l-aċċessibbiltà għall-internet maħruġa fl-2001 ħeġġet lill-Istati Membri japprovaw il-Linji ta' Gwida dwar l-Aċċessibbiltà tal-Kontenut tal-internet (id-WCAG)¹⁹. F'żewġ Riżoluzzjonijiet²⁰, il-Kunsill saħaq fuq il-ħtieġa li titħaffef l-aċċessibbiltà għall-internet u għall-kontenut tiegħu. Fl-2002, il-Parlament Ewropew issuġġerixxa li s-siti pubbliċi tal-internet għandhom ikunu kollha aċċessibbli bis-sħiħ għall-persuni b'diżabilità sal-2003²¹. Fl-2006, id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Riga dwar soċjetà tal-informazzjoni inklussiva kienet tinkludi impenn li 100 % mis-siti pubbliċi tal-internet se jkunu aċċessibbli sal-2010.

Fix-xena internazzjonali, il-verżjoni nru 1 tad-WCAG ġiet adottata fl-1999 mill-Konsorzju għall-internet dinji (il-“World Wide Web Consortium”, id-W3C). Madanakollu, ċerti ambigwitajiet fiha wasslu għal implimentazzjoni frammentata min-naħa tal-Istati Membri, u, fil-kuntest ta' żviluppi ġodda tal-internet, id-WCAG 1.0 qed tiskadi. Id-W3C ilu diversi snin jaħdem fuq verżjoni ġdida tal-ispeċifikazzjonijiet (id-WCAG 2.0); issa dawn jinsabu fl-istadju aħħari tal-adozzjoni. L-isfida din id-darba hija li tiġi evitata implimentazzjoni frammentata.

3.2. Ir-raġuni għal aktar azzjoni

F'xi każi jista' jkun ta' sfida li wieħed jagħmel is-siti tal-internet iktar aċċessibbli, li hija ħaġa li tinvolvi ċertu ammont ta' spejjeż u ta' għarfien espert. Madanakollu, hemm dejjem iktar evidenza u eżempji ddokumentati li juru li meta wieħed jagħmel sit tal-internet iktar aċċessibbli, dan ikun ta' benefiċċju reali mhux biss għall-utenti b'diżabilità, iżda wkoll għas-sidien tas-sit tal-internet u għall-utenti in general. Ikun eħfef biex wieħed juża s-servizzi u biex wieħed iżommhom, u s-servizzi jkunu aċċessibbli għal għadd akbar ta' utenti²². Minħabba f'hekk, it-tiġib tal-aċċessibbiltà tas-siti tal-internet itejjeb il-qagħda għan-nies b'diżabilità u għal ħaddieħor ukoll, u b'hekk jista' jsaħħaħ il-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej.

Studju ta' każ speċifiku: il-benefiċċji ta' sit aċċessibbli tal-internet

Wara li negożju fil-qasam tas-servizzi finanzjarji fir-Renju Unit għamel is-sit tal-internet tiegħu aċċessibbli, ġew identifikati l-benefiċċji li ġejjin:

- Il-klijenti sabu t-tagħrif ħafna iktar malajr u damu iktar fis-sit.
- Klijenti ġodda użaw is-servizz, u b'hekk żdied il-bejgħ ta' fuq l-internet.
- Il-manutenzjoni tas-sit saret eħfef u irħas.
- Is-sit tal-internet kiseb klassifiki sinifikattivament ogħla fir-riżultati tal-magni tat-tiftix.
- Tneħħew il-problemi kollha tal-kompatibbiltà u tġieb l-aċċess permezz tat-tagħmir mobbli.
- Kien hemm qligħ ta' 100 % fuq l-investment f'inqas minn 12-il xahar.

¹⁸ Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal relatat.

¹⁹ COM(2001) 529.

²⁰ 2002/CK 86/02 u 2003/K 39/03.

²¹ C5-0074/2002-2002/2032(COS).

²² Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

Madanakollu, il-frammentazzjoni leġiżlattiva persistenti fl-Istati Membri flimkien man-nuqqas ta' azzjoni leġiżlattiva ċara fil-livell Ewropew qed ikompli jxekklu s-suq intern, qed tkun ta' xkiel għall-konsumaturi u għaċ-ċittadini f'dan l-ambjent transkonfinali, u qed ittellef l-iżvilupp tal-industrija. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità tipprevedi obbligi b'rabta mal-internet li l-Istati li huma parti fil-Konvenzjoni għandhom ikunu konformi magħhom. Għaldaqstant, huwa xieraq li jkun hemm aktar azzjoni fil-livell Ewropew.

3.3. L-azzjonijiet proposti

Ir-responsabbiltà ewlenija sabiex tittiejeb l-aċċessibbiltà għall-internet hija f'idejn l-Istati Membri u l-fornituri individwali tas-servizzi. Madanakollu, hemm azzjonijiet li tista' twettaqhom jew tiffaċilitahom il-Kummissjoni, li għandhom jgħinu biex jitgħaġġel it-titjib fl-aċċessibbiltà għall-internet fl-Ewropa, anke mingħajr dispożizzjonijiet leġiżlattivi speċifiċi tal-UE dwar l-aċċessibbiltà għall-internet. Is-suċċess ġenerali se jinkiseb permezz ta' approċċ komuni u konsistenti. L-oqsma ewlenin tal-azzjoni huma:

(1) Li jiġu ffaċilitati l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' malajr tal-linji ta' gwida internazzjonali fl-Ewropa

Hemm qbil wiesa' li l-linji ta' gwida tad-WCAG 2.0 huma l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li magħhom għandu jkun hemm qbil mill-qrib f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċessibbiltà għall-internet. Ladarba jintlaħaq qbil fid-W3C dwar il-linji ta' gwida, li mistenni jseħħ fil-futur qarib, il-Mandat nru 376 jkun jista' jlesti l-ħidma tiegħu ta' armonizzazzjoni fil-livell Ewropew. Sadanittant, l-Istati Membri għandhom iwettqu azzjonijiet sabiex jiżguraw li tintlaħaq il-mira ta' Riga dwar l-aċċessibbiltà tas-siti pubbliċi tal-internet u sabiex iħejju għall-inkorporazzjoni ta' malajr tal-ispeċifikazzjonijiet il-ġodda dwar l-aċċessibbiltà għall-internet fil-liġijiet nazzjonali b'mod komuni u koerenti billi:

- Matul l-2009 sal-2010 jippubblikaw gwida teknika aġġornata, u fejn xieraq, jagħmlu traduzzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet rilevanti tad-W3C;
- Matul l-2009 jidentifikaw is-siti pubbliċi tal-internet u l-intranets²³ ikkonċernati u jagħmluhom aċċessibbli sal-2010.

Il-Kummissjoni se tkompli ħidmietha sabiex ittejjeb l-aċċessibbiltà tas-siti tal-internet tagħha stess, filwaqt li taġġorna l-gwida interna tagħha sabiex din tirrifletti l-ispeċifikazzjonijiet il-ġodda.

Il-fornituri tas-servizzi li mhumiex servizzi pubbliċi, b'mod partikulari s-sidien tas-siti tal-internet li jipprovdu servizzi ta' interess ġenerali²⁴, u l-fornituri tas-siti kummerċjali tal-internet li huma essenzjali biex wieħed jieħu sehem fl-ekonomija u fis-soċjetà wkoll huma mħeġġa jtejbu l-aċċessibbiltà għall-internet (mill-2008 'il quddiem).

Sal-2010, l-Istati Membri iridu jkunu **kisbu** aċċessibbiltà ta' **100%** għas-siti pubbliċi tal-internet u għandhom iħejju għal bidla ta' malajr għall-ispeċifikazzjonijiet aġġornati dwar l-aċċessibbiltà għall-internet **b'mod konġunt u koerenti**.

²³ Skont id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi 2000/78/EC.

²⁴ Kif imsemmi f'COM(2007) 725.

Is-sidien tas-siti tal-internet li jipprovdu servizzi ta' interess ġenerali u sidien ta' siti tal-internet rilevanti oħrajn għandhom itejbu l-aċċessibbiltà tas-siti tagħhom.

L-organizzazzjonijiet Ewropej għall-istandardizzazzjoni, b'kooperazzjoni mal-partijiet interessati, għandhom jiżviluppaw, fi żmien qasir, **standards tal-UE dwar l-aċċessibbiltà għall-internet**, imsejsa fuq id-WCAG 2.0.

Il-Kummissjoni qed ittejjeb l-aċċessibbiltà tas-siti tal-internet tal-Kummissjoni, u qed taġġorna l-gwida interna sabiex din tirrifletti l-ispeċifikazzjonijiet il-ġodda.

Il-Kummissjoni se timmonitorja u tappoġġa dawn l-iżviluppi, billi tħeġġeġ lill-Istati Membri jaġixxu malajr dwar l-aspetti ewlenin tal-implimentazzjoni u tiffaċilita l-ġbir u l-iskambju ta' esperjenzi prattiċi, l-iktar permezz tal-pjattaforma tal-*ePractice*²⁵. Skont il-progress li jkun sar u meta l-istandards ikunu ġew implimentati, il-Kummissjoni se tqis jekk hemmx bżonn ta' gwida komuni tal-UE, inkluż azzjoni legiżlattiva²⁶.

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-progress u tippubblikah, u se tqis jekk hemmx bżonn ta' gwida komuni tal-UE, inkluż ta' azzjoni leġiżlattiva (mill-2009 'l quddiem).

(2) **Li jittejjeb u jitħeġġeġ il-fehim tal-aċċessibbiltà għall-internet**

Hemm bżonn kbir li tingħata iktar prominenza lill-ħtiġijiet u lis-soluzzjonijiet tal-aċċessibbiltà għall-internet, u li jitkabbar il-fehim tagħhom u l-għarfien dwarhom. L-Istati Membri għandu jkollhom rwol ewlieni fil-kisba ta' dan billi:

- Jipromwovu, b'mod wiesa', l-aċċessibbiltà tas-siti tal-internet billi jiprovdu tagħrif ċar u gwida dwar l-aċċessibbiltà tas-siti tal-internet, inkluż dwar it-teknoloġiji ta' għajjuna²⁷, u billi jħeġġu l-użu tal-istqarrijiet dwar l-aċċessibbiltà²⁸;
- Jappoġġaw skemi tat-taħriġ, il-qsim tal-għarfien, u l-iskambju dwar il-prattika t-tajba;
- Jixtru għodod u siti tal-internet aċċessibbli fix-xiri pubbliku tagħhom;
- Iwaqqfu punt nazzjonali ta' kuntatt dwar l-aċċessibbiltà għall-internet, per eżempju permezz ta' sit tal-internet, fl-2009;
- Jimmonitorjaw il-progress dwar il-konformità, dwar kemm huma sodisfatti l-utenti u dwar l-ispejjeż tal-implimentazzjoni tal-aċċessibbiltà għall-internet fuq is-siti pubbliċi tal-internet u fuq siti oħrajn u jirrapportaw dan lill-grupp ta' livell għoli propost u lill-pubbliku in ġenerali.

L-Istati Membri għandhom **ikunu minn ta' quddiem nett fit-titjib tal-għarfien u tal-fehim tal-aċċessibbiltà għall-internet** b'mod koerenti, effiċjenti u effettiv, u għandhom **jirrapportaw il-progress** li jkun sar lill-grupp ta' livell għoli.

²⁵ www.epractice.eu.

²⁶ Ara l-Valutazzjoni tal-Impatt tal-COM 2007 (694).

²⁷ Partijiet tat-tagħmir tal-ICT li jappoġġaw il-kapaċitajiet funzjonali tal-persuni b'diżabilità.

²⁸ Stqarrijiet li jipprovdu tagħrif ta' appoġġ bħal, per eżempju, il-politika ta' aċċessibbiltà tas-sit tal-internet, il-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet rilevanti, l-appoġġ għall-persuni b'diżabilità, u l-mekkaniżmi biex wieħed iressaq ilment.

4. KONKLUŻJONI

Tinħtieġ azzjoni konġunta u koerenti f'diversi oqsma sabiex tinkiseb l-aċċessibbiltà-e. B'mod partikulari, huwa essenzjali li jsir progress immedjat u ta' malajr f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċessibbiltà għall-internet. Il-partijiet interessati kollha għandhom rwol deċiżiv sabiex jinkiseb l-għan komuni ta' soċjetà tal-informazzjoni li tkun tabilħaqq inklussiva.

Il-Kummissjoni qed tistieden lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni, u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew sabiex jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu sabiex is-soċjetà tal-informazzjoni ssir aċċessibbli għal kulħadd.

Anness – Sinteżi tal-azzjonijiet

L-aċċessibbiltà-e

<i>L-azzjonijiet</i>	<i>Id-data</i>	<i>Min hu responsabbli għalihom</i>
It-twaqqif ta' grupp ta' livell għoli ad hoc sabiex jipprovdi gwida dwar il-prijoritajiet u dwar approċċ iktar koerenti għall-aċċessibbiltà-e. Il-partijiet interessati huma mitluba jimpennaw irwieħhom f' din il-kooperazzjoni.	Kmieni fl-2009	Il-KE u l-partijiet interessati
L-iżgurar tal-aċċessibbiltà-e bħala prijorità tal-politika fis-segwitu tal-inizjattiva tal-i2010 u tal-pjan ta' azzjoni dwar id-diżabbiltà.	2009-	Il-KE
Il-monitoraġġ tal-progress u tal-implimentazzjoni tal-aċċessibbiltà għall-internet u tal-aċċessibbiltà-e , l-appoġġ tal-kooperazzjoni u tal-iskambju ta' prattiki tajbin permezz ta' studji u permezz ta' network tematiku tas-CIP .	2009-	Il-KE, l-industrija u l-partijiet interessati
L-iżgurar tal-aċċessibbiltà-e bħala prijorità qawwija tar-riċerka u l-innovazzjoni.	2009 -	Il-KE
It-tqanqil tal- innovazzjoni u tal-użu tal-aċċessibbiltà-e permezz tal-Fondi Strutturali, tal-FP7, tal-programm tal-AAL u tal-programmi nazzjonali.	2009 -	L-Istati Membri u partijiet interessati oħrajn
Il-forniment ta' sett ta' għodda għad-diżabbiltà li jkun applikabbli għall-ICTs, biex jintuża fil-Fondi Strutturali u fi programmi oħrajn.	2009	Il-KE
Taħt il-Mandat nru 376, l-iżvilupp malajr ta' standards tal-UE dwar l-aċċessibbiltà-e, f'kooperazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti.	2009-	L-ESOs
L-iżgurar tal- integrazzjoni ta' dispożizzjonijiet xierqa dwar l-aċċessibbiltà-e fir-reviżjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE.	2008-	Il-KE
L-użu bis-sħiħ tal-opportunitajiet li hemm fil-leġiżlazzjoni attwali sabiex tissaħħaħ l-aċċessibbiltà-e.	2008-	L-Istati Membri, il-KE, l-industrija u l-partijiet interessati

L-aċċessibbiltà għall-internet

Il-kisba ta' aċċessibbiltà ta' 100 % għas-siti pubbliċi tal-internet u t-tnejn ta' bidla ta' malajr għall-ispeċifikazzjonijiet aġġornati dwar l-aċċessibbiltà għall-internet b'mod konġunt u koerenti .	2009-2010	L-Istati Membri
L-iżvilupp, ta' malajr, ta' standards tal-UE dwar l-aċċessibbiltà għall-internet , imsejsa fuq id-WCAG 2.0.	2009-	L-ESOs (u l-partijiet)

		interessati)
It-titjib tal-aċċessibbiltà tas-siti tal-internet tal-Kummissjoni, u l-aġġornament tal-gwida interna sabiex din tirrifletti l-ispeċifikazzjonijiet il-ġodda.	2009-	II-KE
Is-sidien tas-siti tal-internet li jipprovdu servizzi ta' interess ġenerali u sidien ta' siti tal-internet rilevanti oħrajn għandhom itejbu l-aċċessibbiltà tas-siti tagħhom tal-internet.	2009-	Partijiet interessati oħrajn
Il-monitoraġġ tal-progress u l-pubblikazzjoni tiegħu, u l-ħsieb dwar jekk hemmx bżonn ta' gwida komuni tal-UE, inkluż ta' azzjoni leġiżlattiva.	2009-	II-KE
It-tmexxija fit-titjib tal-għarfien u tal-fehim tal-aċċessibbiltà għall-internet b'mod koerenti, effiċjenti u effettiv, u r-rappurtaġġ tal-progress li jkun sar lill-grupp ta' livell għoli.	2008-	L-Istati Membri